MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2007

Numru 22/2006

**Ir-Repubblika ta' Malta
Vs
Maria Abela**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 22 tas-sena 2006 kontra l-akkuzata Maria Abela, li bih hija giet akkuzata talli:
1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap talli f'Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004), il-Pulizija, wara nvestigazzjonijiet estensivi ma' Bank lokali u Awtoritajiet kompetenti finanzzjarji Svizzeri, irrizultalha li Maria Abela, kienet marret il-Bank of Valletta, Gzira Branch, u rceviet fil-kont tal-Kumpanija gestita minnha bl-isem ta' Alasram Holdings Limited, f'kont numru 40010733783, ammont ta' madwar mija u erba u sittin elf Dollaru Amerikan.

Maria Abela kienet mara li bis-sahha tal-imsemmija Kumpanija minnha gestita, suppost kienet tinnegozja

f’importazzjoni u esportazzjoni ta’ diversi merkanziji. Barra minnhekk, irrizulta li fix-xhur u snin ta’ qabel, sa’ almenu minn Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002), kien qed ikun hemm hafna transazzjonijiet ta’ ammonti kbar fl-imsemmi kont u kontijiet ohra Bankarji.

Mill-investigazzjonijiet tal-Pulizija rrizulta li Maria Abela bil-ghajnuna ta’ Rais Group of Companies, gestiti minn certu Taljan bl-isem ta’ Antonio Monaco, flimkien ma’ persuni ta’ nazzjonalitajiet esteri ohra, kienet qeghda tghin u tassisti sabiex taghti apparentement xghira legali u legittima lil kwantita’ ta’ flus li l-istess Rais Group of Companies, flimkien ma’ xi socjetajiet ohra bhal Hinson Engineering Golden u International Tobacco Limited, kienu qieghdin idahhlu minn sensiela ta’ dokumenti u transazzjonijiet iffalsifikati bi hsara ta’ diversi Kumpaniji Svizzeri, fosthom, izda mhux biss, Jeric Holding, Holmus Mohsen Esadeh, Frank Marchan u Lecshof Finance.

Din is-sensiela ta’ transazzjonijiet qarrieqa u frawdolenti grat fil-perjodu ta’ bejn Jannar tal-imsemmija sena 2002 u Mejju tas-sena msemmija 2004.

Da parti taghha, Maria Abela kienet imweghda u effettivament giet imhallsha u kkumpensata ghal din il-bicca xoghol kollha billi hadet ghaxra fil-mija tal-ammonti kollha mdahhla fil-kontijiet tal-Kumpanija minnha gestita, halli b’hekk attaparsi jigu nvestiti b’mod legittimu f’depoziti Bankarji lokalment.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi tohrog stampa u sitwazzjoni fejn kien hemm attivita' kriminali sottostanti li minnha inkisbet proprjeta' jew rikavat, fosthom dawk il-flus u effetti li effettivament instabu taht il-kontroll ta' Maria Abela bil-konnivenza shiha u sapjenti ta’ Antonio Monaco w ohrajn li kienu l-mohh wara l-imsemmija attivita’ kriminali. Kien b’dan il-mod li huma, u senjatament Maria Abela, kienet qeghda tirricikla flus u proprjeta’ gejjin minn attivitajiet kriminali sottostanti.

Illi b'eghmilha l-imsemmija Maria Abela, saret hatja tad-delitt ta' “*money laundering*”, u cioe' talli kkommettiet (i) il-

konversjoni jew trasferiment ta’ proprjetà meta hija kienet taf li dik il-proprjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta’, attività kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attività kriminali, ghall-iskop ta’ jew skopijiet ta’ habi jew wiri haga b’ohra ta’ l-origini tal-proprjetà jew ta’ ghoti ta’ ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f’attività kriminali; (ii) il-habi jew wiri haga b’ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta’ jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta hija kienet taf li dik il-proprjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attività kriminali; (iii) l-akkwist ta’ proprjetà meta hija kienet taf li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attività kriminali; (iv) ir-ritenzjoni minghajr skuza ragonevoli ta’ proprjetà meta hija kienet taf li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attività kriminali; (v) it-tentattiv ta’ xi hwejjeg jew attivitajiet definiti hawn fuq; b’dan, li ir-reat sar b’diversi azzjonijiet maghmulin minnha fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem hawn fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Maria Abela hatja tad-delitt ta' “*money laundering”*, u cioe' talli kkommettiet: (i) il-konversjoni jew trasferiment ta’ proprjetà meta hija kienet taf li dik il-proprjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta’, attività kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attività kriminali, ghall-iskop ta’ jew skopijiet ta’ habi jew wiri haga b’ohra ta’ l-origini tal-proprjetà jew ta’ ghoti ta’ ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f’attività kriminali; (ii) il-habi jew wiri haga b’ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta’ jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta hija kienet taf li dik il-proprjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’attività kriminali; (iii) l-akkwist ta’ proprjetà meta hija kienet taf li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew originat direttament jew

indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attività kriminali; (iv) ir-ritenzjoni minghajr skuza ragonevoli ta' proprjetà meta hija kienet taf li l-istess proprjetà kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attività kriminali; (v) it-tentattiv ta' xi hwejjeg jew attivitajiet definiti hawn fuq; b'dan, li ir-reat sar b'diversi azzjonijiet maghmulin minnha fi zmenijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata u li tigi ikkundannata ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn erbghatax il-sena jew multa ta' mhux izjed minn miljun lira Maltija, jew dik il-multa u prigunerija flimkien, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 3, 6 u 7 tal-Att XIX tal-1994 li jipprovdi ghall-prevenzjoni u l-projbizzjoni ta' *laundering* ta' flus f'Malta (Kapitolu 373), u fl-artikoli 18, 31, 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzata.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap talli dejjem fil-perjodu ta' bejn Jannar u Mejju tas-sena 2002, Maria Abela kienet qed tuza u tiffalsifika xi dokumenti u skritturi relativament ghad-dhul ta' ammonti kbar ta' flus esteri fil-kont tal-Kumpanija minnha gestita.

Di fatti, hija allegat li l-provenjenza tal-ammont ta' flus depozitati kienet gejja minn allegat bejgh ta' xi merkanziji li kien sar bejnha u Rais Group of Companies u Kumpaniji esteri ohrajn.

F'dan il-perjodu, risalenti ghall-erba ta' Mejju tas-sena 2002, gara li hi flimkien ma' Antonio Monaco, iffalsifikaw xi dokumenti u karti ohra intestati f'isem Rais Group Limited, fejn fihom nizlu u rredigew ftehim fis-sens li allegatament kien sar xi bejgh ta' xi merkanziji. Fl-istess dokumenti u skritturi giet iffalsifikata minn Maria Abela xi firem allegatament ta' persuni li suppost kienu qed jixtru l-istess merkanzija.

B’hekk, gie li Maria Abela rrendiet ruhha hatja ta’ falsifikazzjoni fi skritturi privati.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem hawn fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmija Maria Abela hatja talli ghamlet falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista’ taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata u li tigi ikkundannata ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn seba xhur u mhux izjed minn tlett snin, bir-rekluzjoni, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 187, 179, 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzata.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap talli peress li ghall-habta ta’ Mejju tas-sena 2002, Maria Abela ghamlet depozitu qawwi ta’ cirka mija erbgha u sittin elf u hames mitt Dollaru Amerikan fil-Bank, u dana talabaha spjegazzjoni biex tiggustifika l-provenjenza tal-istess flus, hija pprezentat karta ta’ bejgh ta’ xi merkanzija li tindika li fl-4 ta’ Mejju, 2002, hija bieghet l-istess merkanzija lil xi Kumpaniji esteri. Fuq il-karta kien hemm il-firma taghha u firma ohra falsifikata ta’ terza persuna, allegatament ix-xerrej.

Gara li hi flimkien ma’ Antonio Monaco, kienu ffalsifikaw din l-iskrittura u ppresentawha lill-Bank bil-ghan li d-dikjarazzjonijiet u fatti hemm kontenuti kellhom jaghmlu prova soddisfacenti ghall-Bank.

B’hekk, gie li Maria Abela rrendiet ruhha hatja ta’ falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem hawn fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmija Maria Abela hatja talli ghamlet falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata u li tigi ikkundannata ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlettax-il xahar u mhux izjed minn erba snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 183, 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzata.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba’ Kap talli wara li fil-perjodu u cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti, Maria Abela kienet iffalsifikat l-iskrittura allegatament redatta bejn il-Kumpanija lokali minnha gestita bl-isem ta’ Alasram Holdings Limited u Antonio Monaco ta’ Rais Group, kienet Maria Abela li, filwaqt li kienet taf li l-iskrittura relativa kienet falsa, uzat l-istess skrittura billi ikkonsenjatha lill-Bank of Valletta, kif mitluba minnhom, in sostenn ta’ gustifikazzjoni u legitimazzjoni ta’ provenjenza ta’ ammont sostanzzjali ta’ flus depozitati fl-istess Bank of Valletta.

Dan il-pass maghmul u mahsub minn Maria Abela, bl-ghajnuna ta’ Antonio Monaco u persuni esteri ohra injoti, kien tali li kien qieghed igib utli lilha, u indirettament lill-istess Antonio Monaco u ohrajn, minhabba dak espost fl-ewwel kap, kif ukoll seta’ facilment jaghmel hsara u jikkaguna pregudizzju lill-istess Kumpaniji Svizzeri li allegatament kienu qeghdin jixtru l-istess merkanzija, minhabba ammonti ta’ pagamenti dikjarati falsament.

Fil-fatt, bejn Jannar u Mejju tas-sena 2002, kien hemm ta' l-inqas tlett tenttativi sabiex xi Kumpaniji Svizzeri jigu ffrawdati.

B'hekk gara li Maria Abela rrendiet ruhha hatja talli xjentement ghamlet uzu minn dokumenti foloz.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem hawn fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmija Maria Abela hatja talli xjentement ghamlet uzu minn att, kitba, jew skrittura falza.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzata u li tigi ikkundannata ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlettax-ilxahar u mhux izjed minn erba snin, bir-rekluzjoni, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 184, 183, 17(b), 20, 22, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzata.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi waqt is-seduta tas-27 ta' Marzu, 2007, l-akkuzata, mistoqsija jekk hix hatja skond l-Att tal-Akkuza, wiegbet billi stqarret li hi kienet hatja tar-reati hemm dedotti kontra taghha;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzata b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tatha ftit taz-zmien biex terga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzata baqghet itenni t-twegiba li hi kienet hatja;

Tiddikjara ghalhekk lil Maria Abela hatja li :-

1. f' Mejju, 2004, ikkommettiet id-delitt ta' *"money laundering"* u cioe' talli ikkommettiet (i) il-konversjoni jew trasferiment ta' proprjeta' meta hija kienet taf li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet minn , jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f' attivita' kriminali , ghal skop ta'

jew skopijiet ta’ habi jew wiri haga b’ ohra ta’ l-origini tal-proprjeta’ jew ta’ ghoti ta’ ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f’attivita’ kriminali; (ii) il-habi jew wiri haga b’ ohra tal-veri xorta, provenjenza , lok, dispozizzjoni, movement ta’ jeddijiet rigward , fi jew fuq proprjeta’, meta hija kienet taf li dik il-proprjeta’ kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’ attivita’ kriminali ; (iii) l-akkwist ta’ proprjeta’ meta hija kienet taf li l-istess proprjeta’ kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’ attivita’ kriminali; (iv) ir-retenzjoni minghajr skuza ragjonevoli ta’ proprjeta’ meta hija kienet taf li l-istess proprjeta’ kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita’ kriminali jew minn att jew atti ta’ partecipazzjoni f’ attivita’ kriminali ; (v) it-tentattiv ta’ xi hwejjeg jew attivitajiet defeniti hawn fuq; b’ dan li r-reat sar b’ diversi azzjonijiet maghmulin minnha fi zmienijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b’rizoluzzjoni wahda w dan skond l-ewwel kap ta’ l-att ta’ l-akkuza;

2. f’ xi zmien bejn Jannar u Mejju, 2002 ghamlet falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista’ taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli u dan skond it-tieni kap ta’ l-att ta’ l- akkuza.

3. f’ Mejju, 2002, ghamlet falsifikazzjoni f’ att awtentiku w pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’ falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem , billi holqot pattijiet , dispozizzjonijiet jew obbligi foloz, jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlet dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti , illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan skond it-tielet kap ta’ l-att ta’ l-akkuza.

4. bejn Jannar u Mejju, tas-sena 2002, xjentement ghamlet uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan skond ir-raba’ kap ta’ l-att ta’ l-akkuza.

Rat il-fedina penali aggornata tal-hatja esebita mill-Prosekuzzjoni u ezaminata mid-difiza

Semghet lill-Ispettur Paul Vassallo u hadet it-taghrif mehtieg minn ghandu;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur dwar il-piena ;

Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dottor Martin Fenech, li jinsabu **kollha** registrati w senjatament imma mhux biss is-segwenti :-

1. li l-hatja kienet ammettiet il-htija taghha sahansitra fl-istadju tal-kumpilazzjoni kif ukoll irregistrat ammissjoni bikrija quddiem din il-Qorti mal-ewwel opportunita' li kellha;
2. Li hija ilha l-habs minn meta kienet tressqet b' arrest fil-bidu tal-kompilazzjoni ghax ma kelliex flus bizzejjed biex tiddepozita l-ammont tal-plegg ;
3. li hija ghandha kondotta netta hlief ghall-ksur wiehed tal-ligi tat-traffiku;
4. Li hija kienet ikkooperat mall-prosekuzzjoni ;
5. li hi ma kienetx l-awtrici tar-reati tas-serq li saru barra minn Malta u dahlet biss marginalment u ghall-ewwel hasbet li t-transazzjonijiet kienu legittimi ghax it-t*ransfers* kienu gejjin minn banek ta' barra u allura setghet tipprezumi li kienu *"clean money"* . Kien biss wara li indunat li ma kienux imma umbaghad bezghet tmur ghand l-awtorita' ghax kienet mhedda mill-persuni Zvizzeri li kellha konnessjoni maghhom;
6. Li l-ammont li jirrizulta li zgur ipprocessat kien ta' circa LM71,000 u hi kellha zzomm biss *commission* ta' ghaxra fil-mija li jigu mas-sebat elef lira u li minn dawn hi kellha hafna spejjez .
7. Li meta hi ammettiet il-htija taghha quddiem il-Qorti tal-Magistrati, kellha indikazzjoni cara minn Dr. Donatella Frendo Dimiech li kienet qed tipprosegwixxi l-kaz, li l-Prosekuzzjoni kienet tkun sodisfatta b' sentenza ta' hames snin prigunerija, imma issa l-Prosekuzzjoni qed tinsisti ghall-piena ehrex.

Qieset is-sottomissjonijiet dwar il-piena tal-abbli prosekutrur Dr. Anthony Barbara w senjatament :-

1. Li l-Avukat Generali qatt ma kien ta l-kunsens tieghu ghal xi piena f' dan il-kaz u Dr. Donatella Frendo Dimich kienet illimitat ruha biss biex tghid lill-Avukat tal-hatja li piena minima ta' hames snin kienet tkun ragjonevoli.
2. Li dan kien l-ewwel kaz fejn il-qrati kienu ser jaghtu piena dwar "money laundering" u ghalhekk kien importanti li jigu stabiliti certi parametri ta' piena in vista li dan kien reat serju u konness ma kriminalita' internazzjonali.
3. li dan ma kienx agir ta' darba ghaliex barra l-partita ta' circa LM71000 kien hemm partiti ohrajn. Kien qed isir serq minn kontijiet f' banek Zvizzeri minn Taljani Zvizzeri .
4. Ghalhekk il-prosekuzzjoni kienet qed titlob piena ta' seba snin prigunerija u multa ta' LM20,000. u l-konfiska tal-proprjeta' kollha tal-hatja.

Ikkonsidrat ;

Qieset fl-ewwel lok li, mit-taghrif li hadet minnghand l-Ispettur Paul Vassallo u mir-rizultanzi processwali jidher li r-reati taht it-tieni, it-tielet u r-raba' kapi ta' l-att ta' l-akkuza kienu gew kommessi w servew biex isir ir-reat ta' *"money laundering"* imsemmi fl-ewwel kap ta' l-att ta' l-akkuza u konsegwentement, ghall-fini tal-piena, dawn ghandhom jigu assorbiti fir-reat l-aktar gravi li hu zgur dak li hemm fl-ewwel kap, skond l-artikolu 17 (h) tal-Kodici Kriminali.
.
Qieset li l-hatja rregistrat ammissjoni kemm fi stadju tal-kumpilazzjoni fl-14 ta' Novembru, 2005 u anki fi stadju bikri tal-process quddiem din il-Qorti w qabel ma giet iffurmata l-gurija;

Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi",** Qorti Kriminali , [24.2.1997] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa",** Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.).

Qieset ukoll il-kondotta taghha li minnha jidher li sal-lum il-hatja kienet instabet hatja biss li darba dahlet fil-pjazza ta' Kastilja b' vettura mhux licenzjata ghall-Belt kif ukoll iz-zmien li hi lahqet ghamlet taht arrest preventiv minn meta tressqet b' arrest quddiem il-Qorti tal-Magistrati fis-17 ta' Lulju, 2004 sal-lum, in konnessjoni ma dawn l-akkuzi;

Ikkonsidrat;

Illi meta giet introdotta il-ligi dwar il-"money laundering" fil-1994, il-legislatur stabilixxa l-pieni karcerarji w pekunjarji massimi applikabbli ghall-ksur tal-istess ligi bla ma iffissa minimi. Halla f' idejn il-Qrati ukoll jekk japplikawx biss multa jew piena karcerarja jew iz-zewg pieni flimkien. Konfrontata b' din id-diskrezzjoni hekk wiesgha fil-piena li tista' tigi applikata, il-Qorti trid fl-ewwel lok tara tapplikax piena karcerarja jew wahda pekunjarja jew it-tnejn flimkien u mbaghad tiddeciedi il-kwantum f' kull kaz.

L-ahjar u l-aktar kriterju stabbli li din il-Qorti tista' tuza bhala gwida hu certament l-ammont li jkun involut fl-ezercizzju ta' "*money laundering*" minn kaz ghall-kaz. Fattur iehor hu il-frekwenza jew ir-ripetizzjoni tar-reati. Pero' wiehed irid janticipa li jista' jkun hemm reati li skond dawn il-kriterji jistghu ikunu aktar gravi jew ghax l-ammonti involuti ikunu akbar jew ghax l-incidenza taghhom tkun ripetuta u jkun kaz ta' reat kontinwat. Ghalhekk fl-applikazzjoni tal-piena wiehed irid bil-fors ihalli margini li tkun tirrispekkja certa proporzjonalita' fl-eventwalita' futura li tkun trid teroga piena ghal reati aktar gravi kemm ghal dak li jirrigwarda ammont kif ukoll l-incidenza w kontinwita' tar-reat.

Umbaghad wiehed irid jara kif dan jista' jigi effettwat minn attenwanti bhal ma huma il-fedina penali tal-hati, l-ammissjoni bikrija, ko-operazzjoni mall-awtoritajiet investigattivi u cirkostanzi ohra li normalment jittiehdu in konsiderazzjoni fl-ikkalibrar tal-pieni.

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar l-aktar piena gusta f' dan il-kaz u sabet certa ghajnuna mill-pozizzjoni li hadu l-partijiet fir-rigward. Di fatti fil-waqt li l-hatja tidher li ammettiet il-htija

taghha wara li kellha indikazzjoni li l-piena ser tkun fir-regjun ta' hames snin prigunerija mill-Avukata fl-Ufficju tal-Avukat Generali, li dak iz-zmien kienet involuta fil-kaz, issa l-Prosekuzzjoni qed tinsisti ghall-piena ta' seba snin prigunerija w multa ta' ghoxrin elf lira Maltin. Ghalhekk il-partijiet f' dan il-kaz ma humiex il-boghod minn xulxin f' dak li jirrigwarda l-piena karcerarja xierqa f' dan il-kaz.

Il-Qorti tara u tqis li ladarba il-piena pekunjarja mhix mandatorja f' dan il-kaz imma wahda alternattiva jew fakoltattiva, mhux il-kaz li tigi applikata ukoll flimkien mall-piena karcerarja li behsieba tapplika din il-Qorti.

Meta qieset il-gravita' tal-kaz mill-banda l-wahda w l-attenwanti fuq imsemmija mill-banda l-ohra, din il-Qorti tara li l-piena xierqa tkun wahda karcerarja kif ser jintqal hawn taht.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 2,3,6 u 7 ta' l-Att XIX tal-1994 li jipprovdi ghall-Prevenzjoni u l-Projbizzjoni ta' Laundering tal-flus f' Malta (Kap.373) u l-artikoli 17(h) 18, 31, 20, 22, 23, 179, 183,184, 187 u 533 tal-Kap 9, tikkundanna lill-hatja Maria Abela ghall-piena ta' sitt snin prigunerija, b'dana li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hi ghamlet taht arrest preventiv BISS in konnessjoni ma dawn ir-reati , kif ukoll tikkundannha li thallas is-somma ta' elf tlett mija w erba' liri Maltin u wiehed u sebghin centezmi (LM1304.71c) import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hatja a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli ohra tal-hatja ;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------